# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 607/83 JF**

**Anthony MONTEBELLO**
**vs**
**Carmelo FENECH**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess li fuq inkarigu tal-attur, f'Mejju 1981, il-konvenut ittrasporta minn Glasgow, Scozia ghal Malta "excavator" tal-marka "JCB 80 7B", proprjeta' tal-istess attur.

U premess li ma' tul tali tragitt il-konvenut bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' hila, kkaguna danni konsiderevoli lill-istess "excavator", kif jigi provat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess li ghalkemm debitament interpellat anke permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 1983, il-konvenut naqas milli jaddivieni ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnu hekk kagonati lill-attur.

TALAB li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi:

1. Jigi dikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-konvenut kien responsabbli ghall-hsarat kagonati lill-"excavator" fuq indikat fit-tragitt minn Glasgow, Scozia ghal Malta, f'Mejju 1981 u ghalhekk ukoll responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-attur.

2. Din il-Qorti tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Finalment din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala danni sofferti, in forza tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti, kontra l-konvenut.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn il-konvenut ma jiftakarx jekk l-"excavator" (tal-marka 'JCB 80 7B') hux l-istess wiehed li huwa kien ittrasporta minn Glasgow ghal Malta u dan peress li dan it-trasport sar f'April 1981 u hu m'ghandux dokumenti relattivament ghall-dan l-"excavator". Ghalhekk qabel xejn trid issir il-verifika relattiva dwar l-identifikazzjoni ta' dan l-"excavator", u dan fid-dawl tal-fatt li rrizulta lill-konvenut illi l-attur ghandu "excavator" iehor.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-konvenut ezercita' l-grad ta' diligenza rikjesta mil-ligi waqt it-trasport ta' "excavator" tal-konvenut liema "excavator" wasal Malta fil-25 ta' April 1981 peress li dan kien gie migbud mill-"Volvo Tractor Unit" li dahlet f'dik id-data (Dok A). Il-konvenut qatt ma saq l-"excavator" tal-attur ghaliex dan ingieb fuq "low loader" u kien marbut skond l-arti u s-sengha. Kien l-attur stess li xi jiem wara li ha in konsenja minghand il-konvenut dan l-"excavator" illi qalbu fejn il-Knisja tal-Mosta, u dan wara ftit metri minn fejn kien halliehulu l-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ma ghamel l-ebda dannu f'dan l-"excavator" u mhux responsabbli ghal xi danni li jista' fih.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju, l-konvenut qatt ma gie interpellat wara April 1981 mill-attur dwar l-allegati danni, u kien biss fit-18 ta' Frar 1983 li hu rceva l-ittra ufficjali minghand l-attur (Dok B).

Ghalhekk il-konvenut ma jistax jirrispondi ghal l-allegati danni meta bejn il-perjodu msemmi l-attur baqa' jahdem b'dan l-"excavator" u f'certi okkazzjonijiet din ma ntuzatx skond is-sengha.

4. Illi l-kawza odjerna giet istitwita wara li l-konvenut ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-attur in esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawza (Carmelo Fenech vs Anthony Montebello) deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Novembru 1982 dwar bilanc ta' prezz tal-"low loader" li fuqu kien ingarr l-"excavator" in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut jeccepixxi illi l-kawza odjerna hija ta' natura vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez konta l-attur. L-attur kien qaghad ihallsu b'akkonti l-ispejjez tal-garr ta' din l-"excavator" u l-prezz tal-"low loader" gja msemmi u qatt ma qal xejn dwar l-allegati danni. Kien biss meta kien fadallu jhallas lill-konvenut l-ahhar erba' mitt lira (Lm400) tal-"low loader", illi l-attur ittrattjena l-hlas u fil-fatt kellha ssirlu kawza u ntrebhet mill-konvenut odjern. Issa l-attur qed jippretendi ta' l-anqas elf u mitejn lira (Lm1200) hsara skond kif ikkawtela ruhu permezz tal-mandat ta' sekwestru numru 673/83 li hareg fit-18 ta' Mejju 1983 kontra l-konvenut, u dan meta seta' facilment jittratjeni ammont ekwivalenti ta' pagamenti li hu kellu jhallas u effettivament hallas lill-konvenut kif gia inghad. Dan juri illi l-pretensjonijiet tal-attur fil-kawza odjerna huma merament fittizji u vessatorji.

5. Illi wkoll minghajr pregudizzju, l-konvenut izomm ferm id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi d-domanda attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 32 tal-Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road, (CMR) 1956, li hu applikabbli ghall-kaz – skond dan l-artikolu "the period of limitation for an action arising out of carriage under this Convention shall be one year".

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet kontendenti, iz-zewg relazzjonijiet peritali, kif ukoll is-sentenza in parte referibbilment ghall-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, liema decizjoni nghatat fit-12 ta' Dicembru 1996 (ara fol 144-151 tal-process) u in forza ta' liema l-istess eccezzjoni giet respinta;

Ikkunsidrat li din hija azzjoni ta' danni li l-attur jghid li sofra meta nkarika lill-konvenut iwassallu "excavator" mill-Iskozja ghal Malta f'Mejju tal-1981. Illi wara li sema' u gharbel il-provi prodotti, l-perit gudizzjarju mqabbad mill-Qorti, wasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni li garrab l-"excavator", igifieri l-prezz ghat-tiswija shiha li grat wara li l-"welding" li ghamel Alessio Vella faqqa' u sar xoghol definittiv minn St Joseph Engineering Works. Il-konvenut ghamel talba ghall-hatra ta' periti perizjuri. Din it-talba giet milqugha

fir-relazzjoni addizzjonali. Il-periti perizjuri (ara fol 181-184 tal-process) ikkonfermaw ir-rapport precedenti billi kienu tal-fehma li filwaqt li l-attur ipprova sufficjentement il-premessi tac-citazzjoni, il-konvenut invece ma sostniex dak li gie minnu eccepit.

Il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi akkwiziti u hija tal-fehma li kwantu ghar-responsabbilita' ghall-akkadut u danni rizultanti li dawn huma mputabbli lill-konvenut a skans ta' ispetizzjoni qeghda ssir referenza ghal dik il-parti tal-ewwel relazzjoni li tibda bl-intestatura "III Konkluzzjonijiet" a fol 11 tar-rapport, a fol 115 tal-process, paragrafu numru 26, u tibqa' sejra, xejn eskluz, sa paragrafu numru 37 a fol 16 tar-relazzjoni, a fol 120 tal-process, u billi l-Qorti tikkondividi ghal kollox tali konkluzzjonijiet, qeghda taddatthom u taghmilhom taghha u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala formanti parti integrali mill-korp ta' din id-decizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijet tal-konvenut fil-meritu, u filwaqt li terga' taghmel ukoll referenza ghad-decizjoni in parte moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996, <u>tilqa' l-ewwel talba</u> attrici bl-ispejjez relativi, komprizi dawk peritali kontra l-konvenut, bl-eccezzjoni tal-ispejjez gudizzjarji relativi ghal ghaxar seduti peritali skond para 39 tal-ewwel relazzjoni (fol 120 tal-process) li jibqghu a kariku tal-attur.

Il-kawza tibqa' ghall-kontinwazzjoni dwar it-tieni u t-tielet talba u tordna ghalhekk li, salv xi ostaklu legali, l-attur ghandu sa differiment

iehor ihejji u jipprezenta prospett dettaljat u guramentat tad-danni kollha minnu pretizi u relativ ghall-“excavator” meritu ta’ din il-procedura.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.

## III
## KONKLUZZJONIJIET

26. Jigi l-ewwelnett osservat li l-esponenti qed jillimitaw ruhhom ghall-kwistjoni ta' responsabilta' stante li l-attur irriserva d-dritt li jgib provi dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni "si et quatenus" (fol 83).

27. Jirrizulta li l-attur kien inkarika lill-konvenut biex igorrlu minn Glasgow ghall-Mosta l-"excavator" in kwistjoni (proprjeta' tal-attur) fuq "low loader" (proprjeta' tal-konvenut). Hawnhekk jinghad mill-ewwel (riferibilment ghall-ewwel eccezzjoni - dik tal-identifikazzjoni tal-ingenja) li m'hemmx problema li l-hsara kienet fuq l-"excavator" li garr il-konvenut. It-tieni "excavator" akkwistat

mill-attur nghataw minn dan id-dettalji kollha dwaru: kien POCLAIN TY45 u hu fuq ir-roti mentri dak li garr il-konvenut u li dwaru hi l-kawza hu JCB fuq ic-cineg.

28. Il-fatt li wiehed jixtri "excavator" seconda man ma jfissirx li dan ghandu jkun miksur. Seconda man ifisser uzat izda mhux, konsegwentement, logikament u necessarjament miksur. Jigifieri mis-semplici fatt li wiehed jixtri ingenja seconda man m'ghandhiex tigi assunta hsara. Wiehed irid jara x'jirrizulta fil-kas konkret.

29. Dwar il-kondizzjoni tal-"excavator" meta tghabba fuq il-"lowloader" tal-konvenut fi Glasgow jirrizulta dan:

i) l-attur (korroborat minn Janes Wilson) qal li l-"excavator" kien rah u haddmu hu stess u ma kellux hsara. Wilson qal li f'dik l-okkazzjoni l-"excavator" kien qed jahdem f'xoghol ta' thammil f'dockyard.

ii) Wilson xehed "the machine was inspected by JCB people before it left their plant in Gasgow on a lowloader of their own, to my yard", u "it was a condition of sale".

iii) l-istess Wilson ra l-"excavator" jitghabba mill-konvenut u n-nies ta' Wilson stess fuq "lowloader" tal-konvenut. L-ingenja "propelled itself onto the lowloader" u "left out premises fully operational".

iv) il-konvenut xehed "Jien fi Glasgow kemm ghabbejt u ma qadtx nifli".

30. Ghalhekk hu soddisfacentement pruvat li l-"excavator" gie fi Glasgow konsenjat f'idejn il-konvenut bla ma kellu hsara.

31. Matul il-vjagg, jirrizulta li:-

i) il-konvenut waqaf f'Northampton u hemmhekk l-"excavator" tnizzel minn fuq loader u tghabba fuq iehor (ara para 2, a fol 7 tad-Dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut).

ii) il-konvenut cempel lill-attur u qallu biex jibghatlu l-ingenja bil-bahar u l-attur ma riedx. (Xhieda attur). Il-konvenut dan ma meriehx u anqas qal ghaliex ried dik il-bidla.

iii) meta l-konvenut cempel kif imsemmi, lill-attur ma semmielu ebda hsara fl-ingenja.

32. Wara l-waslien f'Malta tal-"excavator" bl-MV Qormi li qasam minn Reggio Calabria ghal Malta issuccieda hekk:

i) l-"excavator" inzamm ghal xi granet fid-Deep Water Quay

ii) <u>hemmhekk</u> l-attur ralu l-hsara u dana meta nizel ix-xatt akkumpanjat minn Anthony Axisa u Godwin Felice. <u>Anthony Axisa</u> xehed li hu mar mal-attur biex jara kif seta' jehel martell fuq

l-"excavator" izda "sibt li kellu r-'ring' ta' taht maqsum u alzat - jigifieri laxk sew u ma kienx 'crack' u l-martell ma setax jehel fuqu".

iii) l-attur xehed li hu ma tkellem xejn mal-konvenut, fuq il-hsara, sakemm l-"excavator" kien ghadu x-xatt biex ma jmurx il-konvenut jitlaqulu hemm isfel flok johodulu l-Mosta.

iv) mid-dokumenti dogonali Dok PV (1) sa (4) ma tirrizulta rikordata ebda hsara fl-"excavator". Fir-rigward, Patrick Vassallo (il-fizzjal tad-Dwana li rrilaxxa l-ingenja) qal li hadd ma gibidlu l-attenzjoni ghall-hsara. Hu jnizzel ukoll dak li jara fil-ghajn.

33. Hi l-fehma tal-esponenti li l-"excavator" twassal Malta bil-hsara. Ix-xhieda ta' Anthony Axisa hi cara bizzejjed. Ir-raguni li gab l-attur ghala ma tkellimx mal-konvenut dak il-hin hi plawsibbli. Wiehed jifhem ukoll li l-fizzjal tad-Dwana mhux mistenni minnu li jirrekordja hsara li ma jigbdulux l-attenzjoni ghaliha dawk koncernati. Jigifieri l-fatt li d-dokumenti ta' rilaxx huma "clean" b'ebda mod ma jwaqqghu jew jindebolixxu x-xhieda ta' Anthony Axisa li anke tikkorrobora x-xhieda tal-attur.

34. Fil-Mosta l-attur minnufih wera l-hsara lill-konvenut li mhux biss raha izda ra wkoll lil Alessio jiwweldja l-hsara ghax kieku l-"excavator" ma kienx jista' jinzel minn fuq il-"lowloader".

35. Mela l-"excavator" tela shieh fuq "lowloader" gewwa Glasgow u twassal il-Mosta fuq "lowloader" iehor (ghazla tal-konvenut) fi stat danneggjat.

36. Il-konvenut kellu l-ingenja taht il-kustodja tieghu il-hin kollu minn Glasgow sad-Deep Water Quay. Ma jirrizultax li l-hsara grat fuq dal-moll. Imbaghad il-konvenut rega' garr hu stess (dak li dam biex ftakar waqt ix-xhieda) l-"excavator" mix-Xatt sal-Mosta.

37. Ghalhekk l-esponenti jhossu li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni li garrab l-"excavator" jigifieri l-prezz tat-tiswija shieha li grat wara li l-"welding" li ghamel Alessio Vella faqqa' u sar xoghol definitiv minn St Joseph Engineering Works.

38. Il-fatt li l-attur ma harrikx minnufih ma jbiddel xejn mill-fatti fuq imsemmija u m'hemm ebda eccezzjoni ta' xi preskrizzjoni li trid tigi ndagata.

39. Ghall-kompletezza, jigi notat li ghaxar seduti (nri 3, 5, 6, 7, 9, 10, 11, 12, 13, 15) u l-Accessi I li ma sar xejn fihom minhabba nuqqas attribwibbli lill-attur u ghalhekk l-ispejjez reltivi ghandhom ikunu definitavment a kariku tieghu.

Daqstant l-esponenti ghandhom x'jissottomettu ghall-gudizzju superjuri ta' dina l-Onor. Qorti.

Joseph Zammit | Av J Micallef Stafrace
Espert Tekniku | Perit Legali